

32003R2329

31.12.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 345/43

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) 2329/2003**tat-22 ta' Diċembru 2003****dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Możambik**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 37, flimkien ma' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-Komunità u r-Repubblika tal-Możambik innegozzjaw u bdew Ftehim dwar is-Sajd u hekk taw lis-sajjeda tal-Komunità opportunitajiet ta' sajd fl-ibħra fuq liema Możambik għandha sovranità jew ġurisdizzjoni fil-qasam tas-sajd.
- (2) Barra dan, dak il-Ftehim isemmi koperazzjoni ekonomika, finanzjarja, teknika u xjentifika fis-settur tas-sajd bil-għan li jiggarantixxi l-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi, kif ukoll sħubija bejn impriżi bl-iskop li jkunu żviluppati attivitajiet ekonomiċi fil-qasam tas-sajd u attivitajiet relatati, fl-interess komuni.
- (3) Dak il-ftehim għandu jkun approvat.
- (4) L-allokkazzjoni ta' l-opportunitajiet tas-sajd bejn l-Istati Membri għandhom ikunu stabbiliti,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Ftehim dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Możambik (hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ "il-Ftehim") huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-opportunitajiet ta' sajd imniżżlin fil-Protokoll tal-Ftehim għandhom ikunu allokatu bejn l-Istati Membri hekk kif ġej:

- | | | |
|---|----------|---|
| (a) dgħajjes li jiġbdu li jkollhom friżer u huma tal-qiegħ maħsubin għas-sajd ta' gambli ta' l-ilma fond: | — Spanja | Il-Qabda Totali Ammissibbli (TAC) ta' 550 tunnellata metrika ta' gambli ta' l-ilma fond (295 tunnellata metrika ta' qabdiet ta' natura sekondarja, skond l-allokkazzjoni bi speċi msemmija fil-Protokoll) |
| | — Greċja | TAC ta' 150 tunnellata metrika ta' gambli ta' l-ilma fond (80 tunnellata metrika ta' qabdiet ta' natura sekondarja skond l-allokkazzjoni bi speċi msemmija fil-Protokoll) |

(¹) Opinjoni mogħtija fl-4 ta' Diċembru 2003 (għadha mhix ippubblikata fl-Ġurnal Uffiċjali).

	— L-Italja	TAC ta' 150 tunnellata metrika ta' gambli ta' l-ilma fond (80 tunnellata metrika ta' qabdiet ta' natura sekondarja skond l-allokazzjoni bi speċi msemmi fil-Protokoll)
	— Portugall	TAC ta' 150 tunnellata metrika ta' gambli ta' l-ilma fond (80 tunnellata metrika ta' qabdiet ta' natura sekondarja skond l-allokazzjoni bi speċi msemmi fil-Protokoll)
(b) vapuri bi friżer li jistadu għat-tonn bit-tartarun:	— Spanja	17-il bastiment
	— Franza	18-il bastiment
(ċ) bastimenti tal-linja kbar tal-wiċċ:	— Spanja	8 bastimenti
	— Franza	Bastiment wieħed
	— Portugall	5 bastimenti

Jekk applikazzjonijiet għal liċenza minn dawn l-Istati Membri ma jkoprux l-oportunitajiet kollha ta' sajd stabbiliti mill-Protokoll, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra applikazzjonijiet għal liċenzja minn kull Membru Stat ieħor.

Artikolu 3

L-Istati Membri li għandhom il-bastimenti tagħhom jistadu skond dan il-Ftehim għandhom jinfurmaw il-Kummissjoni bil-kwantitajiet ta' kull stokk maqbud fiż-żona ta' sajd ta' Możambik skond Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 500/2001 ta' 14 ta' Marzu 2001 li jniżżel regoli dettaljati għal applikazzjoni ta' Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2847/93 dwar il-kontroll tal-qabdiet minn bastimenti tas-sajd tal-Komunità fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi u fil-baħar miftuħ ⁽¹⁾.

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina il-persuna jew persuni li għandhom l-awtorità jiffirmaw il-Ftehim sabiex jorbot il-Komunità ⁽²⁾.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara li jkun ippubblikat fl-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 2003.

F'isem il-Kunsill

Il-President

A. MATTEOLI

⁽¹⁾ ĠU L 73, 15.03.01, p. 8.

⁽²⁾ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.